Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Mandat Numru. 2566/1994/1

**Lino Debono**

**Vs**

**Malta Drydocks, Noel Galea, Anthony Sammut u Charles Abdilla bhala u fil-kwalita' taghhom ta' membri tal- 'ad hoc' Bord tad-Dixxiplina tal-istess Korporazzjoni u b'digriet tat-22 ta' Awissu, 1994 gie kjamat fil-kawza Dennis Azzopardi  u b'digriet tal-31 ta' Mejju, 2004 in vista tal-Att XV tat-2003 l-atti gew trasfuzi f'isem is-Segretarju Permanent tal-Ministru tal- Finanzi**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **ir-rikors** li permezz tieghu r-rikorrent ippremetta illi:

Illi l-esponenti huwa mpjegat mal-Korporazzjoni ntimata, t-tarzna, bhala *senior security guard,* u kien gie ukoll elett bhala membru fuq il-kunsill tal-korporazzjoni ntimata;

Illi b'ittra tal-22 ta' Gunju 1994 ir-rikorrent gie nfurmat mill-korporazzjoni ntimata li huwa kellu jghaddi *ad hoc* Bord tad-Dixxiplina akkuzat talli kiser l-artikoli (A) Group (1) (iii) u (B) Group 2 (v) *of Malta Drydocks Disciplinary Regulation*, kopja ta' liema ittra qieghda tigi hawn esebita u mmarkata Dokument A, illi l-bazi ta' dawn l-akkuzi kienu r-rapporti maghmula fis-6 ta' Gunju, 1994 u fl-14 ta' Gunju 1994 li qieghdin jigu hawn esebiti u mmarkati Dokument B u C;

Illi r-rikorrent irrisponda ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu b'ittra tal-24 ta' Gunju 1994 li qieghda tigi hawn esebita u mmarkata Dokument D; ghal dina l-ahhar ittra l-esponent inghata r-risposta tal-24 ta' Gunju 1994 immarkata Dokument E;

Illi fit-30 ta' Gunju 1994 is-Sur Cassar kiteb lill-*management* tal-intimat ghan-nom tar-rikorrent u ha r-risposta tal-4 ta' Lulju, 1994 (Dokument F u G);

Illi b'ittra tas-6 ta' Lulju, 1994 (Dokument H) ir-rikorrent gie nformat li kellu jidher quddiem l-*ad hoc* Bord tad-Dixxiplina fis-7 ta' Lulju, 1994;

Illi l-*ad hoc* Bord tad-Dixxiplina fil-laqgha tas-7 ta' Lulju, 1994 wara li gew diskussi kwistjonijiet ta' natura preliminari halla l-kaz biex ikompli f'laqgha tat-13 ta' Lulju 1994. F'din l-ewwel laqgha r-rikorrent talab li jinghata kopja tal-minuti ta' kull laqgha bid-dokumenti kollha li jkunu gew imressqa quddiem il-Bord in relazzjoni mal-kaz. F'dak il-mument ir-rikorrent kien taht l-impressjoni li l-akkuza kontra tieghu kienet ibbazata fuq ir-rapport tas-6 ta' Gunju 1994 (para 4 u 10). Fil-kors tal-laqgha qalulu li seta kien hemm affarijiet ohra u fuq insistenza tieghu hareg ir-rapport tal-14 ta' Gunju, 1994. Il-Bord ghamilha cara li dawn ir-rapporti biss kien hemm. Id-difiza tar-

rikorrent insistiet li jinghata kopja ta’ kull dokument migjub kontra tieghu kif ukoll tal-minuti tal-laqghat. L-*ad hoc* Bord qalu li jaghtu risposta fil-laqgha li tkun tmiss. Il-Bord informa wkoll lis-Sur Cassar, li kien qieghed jidher ghar-rikorrent, li ma kienx hemm rapporti ohra ghajr dawk prodotti fuq liema l-akkuzi kontra r-rikorrenti kienu bazati.

L-esponent f’din il-laqgha qajjem ukoll li l-kaz fil-konfront tieghu ma setax jitkompla in vista li skond ir-regolamenti l-akkuza kellha ssir 36 siegha wara li jigi sottomess ir-rapport. Anke dwar din il-kwistjoni l-Bord kellu jaghti risposta. Inoltre r-rikorrent irrileva li l-membri tal-Bord huma responsabli biex jiggudikaw il-kaz tieghu huma. Il-membri tal-Bord irrispondew li huma ‘minghand xi hadd ried jiehdu’, u r-rikorrent insista li f’dan il-kaz kull kollokju ma’ min kien involut kellu jsir fil-presenza tieghu ukoll. Il-Bord pero’ ma qabilx ma dan.

It-tieni laqgha tal-Bord giet migjuba l-quddiem ghall-11 ta’ Lulju 1994. F’din il-laqgha r-rikorrent gie nfurmat li ma kienx ser jinghata kopja ta’ ebda minuti u li kollox kellu jsir verbalment.

Illi noltre l-Bord kien sejjer jipprocedi bil-kaz minghajr ma jaghti decizjoni formali fuq il-kwistjoni minnu sollevata tad-dekadenza ta’ 36 siegha.

Illi sussegwentement l-esponent ipprotesta ruhu ghall-agir irregolari ta’ dan il-Bord. Wara dawn il-protesti l-esponent kien gie infurmat li l-membri tal-Bord ma riedux ikomplu jisemghu il-kaz. Wara rega’ gie infurmat li l-kaz tieghu kellu jkompli fit-18 ta’ Lulju 1994 u issa baqa’ ghad-19 ta’ Lulju 1994.

Illi ghalhekk id-drittijiet tar-rikorrent qed jigu mittiefsa u dan billi:

1. skond ir-regoliamenti ta’ Dixxiplina tal-Malta Drydocks (Dokument 1 pagna 26) l-akkuza kellha tinhareg kontra tieghu fi zmien 36 siegha, li fil-kaz tieghu ma sarx u ghalhekk il-Bord tad-Dixxiplina ma kienx kostitwit legalment u ma kellux gurisdizzjoni jisma’ l-kaz;

2. Illi bir-rifjut tal-Bord li jinzammu minuti tal-laqghat kif ukoll li kopja tal-istess jinghataw lir-rikorrent kien qieghed jigi michud id-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq;

3. Illi noltre l-mod ferm irregolari b'liema mxew l-istess membri, anke billi fost hwejjeg ohra ma kienux lesti li jinfurmaw lir-rikorrent b'kull ma' jkun ingieb kontra tieghu, kif ukoll id-decizjoni taghhom li anke jiehdu pariri minghand terzi persuni nvoluti fil-kaz u wkoll id-decizjoni taghhom f'mument iehor li jisimghuh juri li huma ma kienux qieghdin imexxu l-kaz b'mod imparzjali u indipendenti;

Illi ghalhekk il-kontinwat smiegh tal-kaz tieghu mill-*ad hoc* Bord kif kostiwit wassal ghac-cahda lilu, r-rikorrent, tad-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq b'konsegwenti dannu irreparabbli ghalih.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li in kawtela tad-drittijiet tieghu fuq premessi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni sabiex tinibixxi l-*ad hoc* Bord tad-Dixxplina kif kostitwit jkompli jisma l-fuq imsemmi kaz tar-rikorrent.

Bl-Ispejjez.

Rat ir-**risposta tal-Intimati** a fol. 39 tal-process fejn eccepew:

1. Preliminarjament illi l-esponent Noel Galea ma ghadux membru tal-Bord tad-Dixxiplina u ghalhekk fil-konfront tieghu it-talbiet tar-rikorrent huma nsostenibbli.

2. Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors il-pozizzjoni hija s-segwenti:

(i) Ir-rikorrent huwa mpjegat bhala *senior security guard* mal-Malta Drydocks, Huwa kien ukoll membru elett fuq il-Kunsill tal-istess Malta Drydocks pero' dan il-fatt ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz li ghandu peress li r-regolamenti tad-dixxiplina nterna japplikaw ghall-impjegati

kollha l-istess. Il-membri tal-Kunsill ma jgawdu ebda privilegg u ma ghandhomx dritt jinjoraw jew jiksru r-regolamenti tad-dixxiplina b'impunita'. Jekk xejn bhala membru tal-kunsill ir-rikorrent kellu dover akbar li jaghti ezempju lill-haddiema l-ohra.

(ii) Huwa veru li r-rikorrenti gie nfurmat li kellu jghaddi Bord tad-Dixxiplina taht ir-regolamenti ta' dixxiplina vigenti fil-Malta Drydocks pero' qatt ma gie nfurmat li l-incidenti li dwarhom kienu biss dawk indikati fid-dokumenti B u C ezebiti mill-istess rikorrenti. Is-smiegh kien ghadu prattikament ma nbediex u ma kienux lahqu ngiebu xhieda u provi fuq l-akkuzi.

(iii) M'hijiex prattika tal-Bordijiet tad-Dixxiplina fil-Malta Drydocks li jinzammu minuti ufficjali u konsegwentement m'hemm ebda prattika jew dritt li l-impjegat akkuzat jinghata kopja ta' xi minuti ufficjali. Ovvjament il-membri tal-Bord izommu ghalihom notamenti dwar il-kaz li jkunu jisimghu ghal ghajnuna taghhom. L-impjegat ghandu kull dritt hu wkoll li jzomm notamenti ghalih innifsu.

(iv) Huwa veru li r-rikorrent fl-ewwel laqgha tal-Bord ssottometta li l-proceduri ma setghux ikomplu peress li skond hu l-akkuza kellha ssir 36 siegha wara li jigi sottomess ir-rapport u dan ma kienx sar, Il-Bord informa lir-rikorrent li kien ser jinvestiga din l-eccezzjoni u jaghti d-decizjoni tieghu f'seduta ohra.

(v) Li ma qalx ir-rikorrent huwa li fiz-zewg laqghat li lahqu nzammu, Charles Cassar segretarju tas-*Supervisory, Technical and Professional Staff Association* tal-*General Workers Union* li kien qed jirrapprezentah indirizza u uza kliem fil-konfront tal-membri tal-Bord, b'mod li ma setax jiftiehem hlief bhala theddid biex jinfluwenzahom fil-qadi ta' dmirijiethom. Aktar minn darba qallhom li ser jiehu n-noti 'halli ghada fil-ghodu naghmel citazzjoni kontra taghkom personalment'. Dan il-kliem jinghad fil-bidu tal-proceduri u b'ton li l-membri tal-Bord fehemuh bhala theddid fuqhom personali tant li ghamlu rapport formali lill-*Personnel Manager* u l-korporazzjoni

ghamlet rapprezentazzjonijiet fuq dan l-incident mas-Segretarju Generali tal-*General Workers Union.*

(vi) Rinfaccjati b'dan it-theddid il-membri tal-Bord hassew il-htiega li jikkonsidraw il-pozizzjoni taghhom u ghalhekk kienu infurmaw lir-rikorrent li kienu ser jieqfu u kellu jkun infurmat bil-miktub meta kellu jkompli smiegh, kif fil-fatt sar. Qatt ma qalulu kif jallega, li ma kienux ser ikomplu jisimghu il-kaz. Tant li r-rikorrent li saru seduti ohra li ghalihom deher ukoll ir-rikorrent u ghamel is-sottomissjonijiet tieghu. Kien biss l-esponent Noel Galea li ghar-ragunijiet personali ma setax ikompli bil-kaz u ta r-rizenja tieghu mill-bord.

(vii) L-esponenti qatt ma cahdu jew kellhom xi hsieb li jcahdu lir-rikorrent minn xi drittijiet li ghandhom haddiema ohra fil-Malta Drydocks. Pero' daqstant iehor huwa mistenni li r-rikorrent jissottometti ruhu bhal-impjegati kollha ghar-Regolamenti tad-Dixxiplina.

4. Illi dwar il-meritu tal-kaz, il-Bord tad-Dixxiplina huwa organu tal-*management* tal-korporazzjoni. Id-dixxiplina fuq ix-xoghol hija prerogattiva tal-*management* mehtiega biex l-attivita tal-korporazzjoni tista' timxi bla tfixkil. Ma hemm ebda htiega li d-dixxiplina tigi ezercitata minn xi organu indipendenti jew imparzjali. Il-*Management* jista' jkollu limitazzjonijiet jew ghax imposti mill-ligijiet industrijali, jew kontrattwali. F'kaz ta' ksur l-impjegat ghandu dritt jirrikorri quddiem it-Tribunal Industrijali, tribunal indipendenti u mparzjali, biex jiggudika finalment.

5. Illi bla pregudizzju ghal dan kollu, huwa car li l-iskop tar-rikorrent huwa biss li jzomm il-kaz tieghu milli jinstema' biex ma jingiebux ix-xhieda u l-provi biex jissostanzjaw l-akkuzi. L-esponenti membri tal-Bord tad-Dixxiplina jassiguraw 'il Qorti illi huma kienu u ghadhom fi hsiebhom li jisimghu kollox, jaghtu lir-rikorrent il-facilita' shiha li jiddefendi ruhu u jressaq ix-xhieda u l-provi tieghu u wara li jkollhom l-istampa shiha jiddeciedu fuq il-provi, skond ir-regoli tad-Dixxiplina u fuq kollox awtonomament u skond il-kuxjenza taghhom. L-istess rikorrent wara kollox stqarr illi kellu fiducja fil-membri tal-Bord u li kien jaqbel li l-kaz

ikompli. Fil-fatt sal-Hamis 4 ta’ Awissu 1994 regghet inzammet seduta tal-Bord tad-dixxiplina li ghaliha deher ir-rikorrent bir-rapprezentant tieghu u kellu kull opportunita’ li jressaq is-sottomissjonijiet tieghu kif ghamel.

6. Illi ma hemm ebda ksur tad-dritt ghall-smiegh xieraq fil-fatt li ma jinzammux minuti ufficjali. Il-Qrati Kriminali tal-Magistrati normalment ma jzommx *record* tax-xhieda li tinghata quddiemhom, minghajr b’daqshekk ma jichdu lill-akkuzat minn smiegh xieraq. Ir-rikorrent ghandu dritt ikun prezenti ghall-proceduri u jiddefendi ruhu bl-aktar mod shih.

7. Illi mhux veru anqas li l-membri tal-Bord irrufjutaw li jinfurmaw lir-rikorrent b’kull ma’ jkun ingieb kontra tieghu. Il-procedura hija li kull dokument jew prova li tintuza fil-proceduri tinghata kopja taghha lir-rikorrent meta din tigi uzata, jew konfermata mix-xhieda. Il-membri tal-Bord ma jiehdu kont u ma jaghtu kaz ebda xhieda jew dokumentazzjoni ghall-finijiet tal-proceduri li ma jkunux tressqu formalment waqt is-smiegh u inghata wkoll lir-rikorrent. Din hija l-procedura normali.

8. Illi mhux veru lanqas li l-membri tal-Bord kienu qed jiehdu parir minghand persuni nvoluti fil-kaz. Ma taghmilx sens ukoll l-akkuza m’humiex parzjali u ndipendenti ghaliex jirrizervaw li jaghtu decizjoni fi stadju ulterjuri Din xi haga komumi, jekk mhux normali, anke f’dawn il-Qrati, minghajr b’daqshekk ma din timplika xi mparzjalita’ jew nuqqas ta’ indipendenza.

9. Illi propju minhabba l-kariga delikata tar-rikorrent bhala *security guard* li ghandu d-dover li jipprevjeni u jikkontrolla abbuzi anke minn impjegati ohra, huwa mportanti li l-kaz ta’ dixxiplina jigi trattat minghajr telf ta’ zmien. Il-*Malta Drydocks* diga’ ghandha problemi ta’ dixxiplina mat-taqsima tal-*Metal* tal-*General Workers Union* li qed tostakola proceduri ta’ dixxiplina kontra membri taghha minhabba li qed takkuza lill- *Malta Drydocks* bi trattament preferenzjali mar-rikorrent. B’hekk il-pozizzjoni llum hija li taqsima tal- *General Workers Union* qed tibbojkottja d-dixxiplina minhabba li r-rikorrent,

rapprezentat minn taqsima ohra ta' l-istess *Union* qed jipprova jzomm milli timxi l-procedura tad-dixxiplina kontra tieghu. Jekk din is-sitwazzjoni tkompli, ser ikun impossibbli li jittiehdu kwalsiasi proceduri ta' dixxiplina kontra mpjegati ohra.

10. Ir-rikorrent mhu ser jitlef ebda jedd minn dawn stabbiliti fir-Regolamenti tad-Dixxiplina, u jibqaghlu dejjem ir-rimedji kollha li ghandhom haddiema ohra, kemm appelli bi struttura stess tar-Regolamenti tad-dixxiplina, kemm rimedji ordinarji f'kaz li jidhirlu li d-decizjonijiet finali ma jkunux konformi tal-ligi. Ir-rikorrent pero' ghandu f'kull kaz l-ewwel jezawrixxi r-rimedji li ghandu taht l-istess Regolamenti tad-Dixxiplina.

11. Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li t-talbiet tar-rikorrent jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tar-referenza u d-dokumenti ezibiti;

Rat il-verbali a fol. 43 u 47;

Rat id-digriet a fol. 49;

Rat il-korrezzjoni li saret a fol. 368;

Rat id-digriet a fol. 515;

Rat in-noti tal-partijiet.

## FATTI

Ir-rikorrent kien talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex l-intimati jigu inibiti milli jkomplu bil-proceduri tal-kaz ta' dixxiplina kontra tieghu u fil-kors tas-smigh tar-rikors kienet saret riferenza lill dina l-Qorti fis-sede Kostituzzjonali taghha sabiex tiddeciedi jekk kienx hemm ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent b'riferenza ghall allegazzjoni tieghu li ma kienx qieghed jinghata smiegh xieraq fil-kors ta' dawn il-proceduri ta' dixxiplina.

**KONTESTAZZJONI**

Ir-rikorrent qed jikkontendi li dina l-Qorti ghandha tezamina n-natura tal-Bord ta' Dixxiplina u tal-Awtorita' li kkostitwita u dana billi d-decizjoni ta' dak il-Bord kien ser ikollu effett fuq id-drittijiet u obbligi civili tieghu.

Skond ir-rikorrent fil-proceduri ta' dixxiplina li ttiehdu kontra tieghu kien hemm ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq billi kien hemm ftehim preordinat biex hu jinsab hati; indhil fil-proceduri; theddid u pressjoni fuq min kellu jiggudika.

L-intimati jissottomettu li:

1. Ir-rikorrent illum m'ghadux impjegat mal-Malta Drydocks. Dan ifisser li hekk kif ir-rikorrent spicca mill-impieg tieghu huwa tilef kull interess guridiku li seta' kellu fl-ilment kostituzzonali tieghu li kien ser isofri ksur tad-dritt fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq. Bl'azzjoni tieghu issa r-rikorrent mhu ser jipprokura ebda rizultat vantagguz jew skop utli.

2. L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja mhumiex applikabbli ghal kaz billi l-ilment ta' rikorrent jirrigwarda biss it-tmexxija tal-proceduri dixxiplinarji quddiem bord intern tal-Malta Drydocks, vestit b'poteri dixxiplinarji fil-konfront tal-impjegati tieghu skond ftehim u regolamenti bejn il-partijiet. Dan il-Bord u l-Bord ta' l-Appell tal-Malta Drydocks m'humiex awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estenzjoni ta' drittijiet jew obbligi civili. Ghalhekk il-Bord ma jikkwalifikax bhala "tribunal" ghall-finijiet ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

3. Ir-rikorrent kellu rimedju adegwat fil-mertu quddiem qrati ordinarji u/jew it-Tribunal Industrijali fil-kaz ta' xi tibdil fil-kundizzjonijiet ta' l-impieg tieghu jew xi ksur iehor tal-kuntratt tax-xoghol. Fil-fatt ir-rikorrent kien adixxa t-

Tribunal Industrijali pero' dan kien iddecieda kontra tieghu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Interess**

Ghalkemm ma hemmx eccezzjoni formali dwar in-nuqqas ta' interess guridiku, l-intimati kienu diga qajmu dina l-kwistjoni kif jirrizulta mill-verbali a fol. 308 u 494. Inoltre l-Qorti tista' tqajjem dina l-eccezzjoni *ex officio* (ara f'dan is-sens is-sentenza App. G. Laferla et vs J. Lauri et 10 ta' Mejju 2005).

Illi r-rikorrent kien ipprezenta l-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni - li minnu tqajjmet il-kwistjoni kostituzzjonali prezenti (referenza) – biex, in kawtela tad-drittijiet tieghu, din il-Qorti tinibixxi l-*ad hoc* Bord tad-Dixxplina tal-Malta Drydocks milli jkompli jisma l-kaz tar-rikorrent.

Illi fil-mori tal-kawza rrizulta li r-rikorrent ma baqax impjegat mal-Korporazzjoni Malta Drydocks (ara fol. 346 xhieda L. Spiteri) billi l-impieg tieghu gie terminat u d-decizjoni giet konfermata mit-Tribunal Industrijali. Illum il-Malta Drydocks bhala korp spiccat u lanqas hemm il-Bord tad-Dixxiplina.

L-intimati qed jikkontendu li ghalhekk ir-rikorrent tilef kull interess li seta kellu fil-proceduri prezenti.

Id-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza taghna ta' interess guridiku hija dika tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa "*l'utilita' finale della domanda gudiziale nel tema dell'asserita ezistenza o violazione del diritto".* Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi usufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (Vol LXXVI p2 p 247).

L-interess irid ikun guridiku cjoe bazat fuq xi dritt pretiz lez tal-atturi. (Ara Vol 37 p3 p889; Vol LXXIV p3 p481;

Mattirolo Vol 1 pag. 50; Mortara Vol 11 p 588; Coen Vol 1 para 1 No.2) irid ikun diritt ( meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha) u personali (fis-sens li jirrigwarda l-attur) u jrid ikun konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt ( Vol 32 p1 p540; p2 p 257). Ara wkoll sentenza ta' dina l-Qorti Citaz Nru: 1054/95GV Prokuratur Legali Albert Agius Ferrante et vs L-Avukat Dottor Anthony Cremona Barbaro et deciza fit-28 ta' Marzu 1996). L-interess guridiku irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista' tissokta (App J.Sammut vs C.Attard 17/2/1993 u Calleja vs Micallef App 1/4/1992).

Fil-kaz in ezami illum jidher li l-azzjoni tar-rikorrent ma hiex aktar kapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghalih ghar-rigward tat-talba tieghu ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni billi ma ghadx hemm aktar skop li l-intimati jigu inibiti kif intalab minnu billi hu m'ghadux impjegat ma l-intimati u jekk jezisti xi Bord ta' dixxiplina iehor dan ma jistax jipprocedi kontra tieghu. Ghalhekk l-azzjoni tar-rikorrent ma tistax taghtih ebda rizultat utli f'dan is-sens.

Ir-rikorrent jista' jargumenta li hu baqghalu interess fl-ezitu ghal lanjanza kostituzzjonali tieghu, avolja hu m'ghadux impjegat mal-intimati.

Illi r-referenza li kienet saret lill dina l-Qorti fis-sede Kostituzzjonali taghha kienet sabiex dina l-Qorti taghti d-decizjoni fuq il-kwistjoni ta' ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq (ara fol. 43). Fis-seduta tas-17 ta' Awissu 1994 (ara fol. 47) ir-rikorrent kien spjega li l-ilment tieghu kien dwar tlett nuqqasijiet: (1) li meta tressaq quddiem il-Bord ta' dixxiplina hu ma kienx gie nfurmat b'dak kollu li kien qed jigi akkuzat bih; (2) li ma kienx inghata l-minuti u kollox kien qed isir verbalment; (3) li jekk il-membri ta' l-istess Bord jigbru xi informazzjoni jew jiehdu xi pariri huwa kellu dritt ikun prezenti ghall-kollox relattiv (fol 47). Dan gie kontestat mill-intimati.

Il-Qorti hi tal-fehma li anke dan l-argument ma jistax iregi. Kwalunkwe dikjarazzjoni li tista' tinghata minn dina l-Qorti

dwar jekk kienx hemm, jew kienx ser ikun hemm, ksur o meno tad-dritt ta' smiegh xieraq, ma tista' tkun ta' ebda vantagg jew interess ghar-rikorrent, b'riferenza ghad-domanda tieghu kif imposta biex jigu protetti d-drittijiet u obbligi civili fil-proceduri ta' dixxiplina. Ir-referenza ghad-dikjarazzjoni ta' ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent kienet intiza mhux semplicement biex jottjeni dikjarazzjoni ta' ksur imma bhala premessa u bazi biex jinhareg il mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni biex jitwaqqfu l-proceduri ta' dixxiplina li kienu nbdew kontra tieghu. Id-domanda li saret originarjament lill Qorti kienet biex tiddeciedi jekk kienx hemm lok li jinhareg il-mandat jew le biex izomm il-Bord tad-Dixxiplina milli jipprocedi.  Illum pero' ma hemmx aktar skop ghal dik id-dikjarazzjoni billi r-rikorrent m'ghandux impjegat ma' l-intimati u l-mandat ma jistax jinhareg.

L-interess guridiku irid ikun konkret u mhux ipotetiku u jrid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni b'mod partikolari sal-mument tad-decizjoni. Fil-kaz in ezami ghalkemm ir-rikorrent setgha kellu interess meta beda dawn il-proceduri, meta l-impieg tieghu gie terminat, dana l-interess gie nieqes u ghalhekk il-proceduri ma setghux jissoktaw.

Finalment ghal kull buon fini kull decizjoni li dina l-Qorti setghet taghti dwar smiegh xieraq ma setghetx tkun limitata ghal episodju izolat li gara meta bdew il-proceduri ta' dixxiplina imma kellhom ikopru l-proceduri intieri, u mhux kif gara f'dana l-kaz fejn dawn il-proceduri gew imwaqqfa meta bdew u llum twaqqfu definittivament.

In vista ta' dina l-konkluzzjoni l-Qorti m'ghandhiex bzonn li tezamina  l-punti l-ohra in kontestazzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi ir-rikorrent m'ghadx ghandu aktar interess fl-azzjoni minnu inizjalata

Tichad it-talba
Spejjez ghar-rikorrent stante li l-interess giuridiku, kif gja nghad, irid jissusisti tul l-azzjoni kollha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------